**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 77/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur A. P. Miruzzi )**

**Vs**

**TIMOTHY PAUL VALLETTA**

**Illum, 5 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Timothy Paul Valletta li fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, gie akkuzat talli ghan-nom u in rappresentanza ta'Drawing Techniques Limited, u bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u r-regolamenti maghmulha bis-sahha ta' l-istess Att, fl-20 ta'Dicembru, 1999, ghal habta tas-6.45 p.m., fil-hanut Drawing Techniques Limited, ta' 31, High Street, Hamrun, naqas li jaghti jew li jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-14 l-Iskeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta'provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda, u l-Artikoli 51 u 77 (a) u (e) ta' l-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza moghtija fid-19 ta'April, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Timothy Paul Valletta hati ta' din l-akkuza w kkundannatu fuqha Lm200 Multa.

Rat ir-rikors ta'appell ta'Timothy Paul Valletta datat 24 ta'April, 2001, li bih talab li din il-Qorti tibdel is-sentenza appellata billi tilliberah minn kull htija w piena, jew thassarha minhabba li hi vvizzjatha minn ksur tad-disposizjonijiet tal-ligi w l-Kostituzzjoni.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant bazikament hu li, fil-fehma tieghu, l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fih in bazi tal-provi li kellha.

Din il-Qorti semghet lix-xhieda mill-gdid sabiex tara jekk l-appellant ghandhux xi ragun f'dan l-aggravju tieghu. Minn dak li setghet tara din il-Qorti, l-appellant assolutament m'ghandhux ragun. Il-provi huma cari hafna fis-sens li hu stess xehed li kien biegh xi kartolini lil xi hadd li qallu, u l-appellant semghu jghidlu, li kien qed ihallielu l-flus fuq il-counter, u ghal din it-transazzjoni, l-appellant ma hareg l-ebda ricevuta fiskali. L-obbligu skond il-ligi li tinhareg tali ricevuta qieghed biss fuq l-appellant, u kellu iwaqqaf lix-xerrej mill-johrog mil-hanut tieghu qabel ma jaghtih ir-ricevuta. Ma hemm ebda gustifikazzjoni ghan-nuqqas ta' l-appellant. L-ewwel Qorti, ghalhekk, kienet ghamlet apprezzament

tal-provi tajjeb li in bazi tieghu, setghet legalment u ragjonevolment tasal fil-konkluzzjoni li fil-fatt waslet ghaliha.

Dwar it-tieni aggravju ta' l-appellant, dan ma hu aggravju xejn. Hi d-diskrezzjoni tal-Qorti x'piena timponi w bla ebda mod ma hi kostretta jew obbligata li timponi l-istess piena bhal ma kienet imponiet f'kawzi simili waqt l-istess seduta. Fl-ewwel lok, ma tressqghet ebda prova li fil-fatt sar hekk, u, fit-tieni lok, certament din il-Qorti ma tistghax f'dan il-kaz partikolari tindahal f'din id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti meta l-piena mposta hija wahda skond il-ligi.

Ghalhekk filwaqt li l-aggravji ta' l-appellant huma kollha respinti, il-Qorti qed tichad l-appell tieghu w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur